II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/58

**tal-14 ta' Jannar 2021**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2021)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-EUCAP Sahel Mali, inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2199 ([2]), li ħatret lis-Sur Hervé FLAHAUT bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-1 ta' Jannar 2021 sal-14 ta' Jannar 2021.

(3) Fis-7 ta' Jannar 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/14 ([3]), li estendiet il-mandat tal-EUCAP Sahel Mali sal-31 ta' Jannar 2023.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Hervé FLAHAUT bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-15 ta' Jannar 2021 sal-14 ta' Jannar 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Hervé FLAHAUT bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali huwa b'dan estiż sal-14 ta' Jannar 2022.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-15 ta' Jannar 2021.

([1]) ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/2199 tat-8 ta' Diċembru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2020) (ĠU L 434, 23.12.2020, p. 54).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/14 tas-7 ta' Jannar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 5, 8.1.2021, p. 16).

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2021.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
S. FROM-EMMESBERGER